OHSA
Occupational Health & Safety Authority

26 Marzu 2025

**Stqarrija mill-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol u l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni**

L-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (OHSA) u l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) qed jinvestigaw inċident fi propjetà residenzjali, fi Triq l-Isperanza, il-Mosta. F'dan l-inċident waqa' saqaf ta' propjetà li maġenbha hemm sit ta' kostruzzjoni. Fortunatament, ħadd ma' weġġa' f'dan l-inċident.

B'rabta ma' dan l-inċident, iż-żewġ awtoritajiet flimkien ħarġu ordni sabiex ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni jieqfu minnufih. Din l-ordni se tibqà fis-seħħ sakemm isir assessjar tal-miżuri ta' sigurtà u konformità mal-liġijiet u r-regolazzjonijiet.

Il-BCA u l-OHSA jfakkru u jinkoraġġixxu lill-pubbliku sabiex f'inċidenti u każijiet bħal dawn iċemplu fuq il-linja 138. Din il-linja tistà wkoll tintuża għal kwalunkwe tagħrif dwar siti ta' kostruzzjoni u kif ukoll saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

-TMIEM-

17, Edgar Ferro Street,
Pietà PTA 1533, Malta
+356 21247677
www.ohsa.mt